Kan. Dun Nikola Vella Apap

# F'GHELUQ IL-HAMSIN SENA (1949 - 1999) MIT-TWAQQIF TAL-VIA CRUCIS FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ

**IL-BIDU TAL-VIA CRUCIS**

Did-drawwa popolari, indirizzata biex tagħti qima lill-Passjoni tar-Redentur kienet f'moħħ il-Franġiskani li jħarsu l-Art Imqaddsa. Huma rriflettew li mhux kulħadd jista' jmur il-Palestina biex iżur l-imkejjen ikkonsagrati għat-tbatijiet ta' Ġesù Kristu. Għalhekk għamlu rappreżentazzjonijiet tal-Passjoni tal-Mulej fi kwadri fil-knejjes tagħhom. Dawn kienu jibdew min-naħa ta' l-Epistola għan-naħa tal-Vanġelu biex wieħed ikun jista' jinvistahom b'devozzjoni bħalma kieku wieħed qiegħed jinvista dawn l-imkejjen li jippreżentaw il-kwadri. [1]




Dawn il-kwadri kienu jkunu f'sett ta' erbatax -il wieħed. F'xi postijiet kienu jżidu n-numru ħmistax l-istazzjon li kien juri lil Sant'Elena li sabet is-Salib. Fi Vjenna, fil-1799 l-istazzjonijiet tal-Via Crucis b'ordni ta' l-isqof, kienu ridotti (imnaqqsa) għal ħdax, u ħafna mbidlu fis-suġġetti tagħhom bl-iskop li jeskludu dawk li ma kienux storici. [2]

Il-Papiet taw ħafna indulġenzi lill-viżitaturi tal-postijiet Imqaddsa; fost dawk ninnotaw

dawk reġistrati mill-Ferraris fil-"Biblioteca" tiegħu. [3]

Il-Papa Innoċenzju XII bi brevi tal-1694 ta lil dawk li jinvistaw l-istazzjonijiet tal-Via Crucis għadd ta' indulġenzi. Beneditt XIII ikkonferma din id-disposizzjoni ta' Innoċenzju fil-1726, u Klement XII fil-1731 firex dawn l-indulġenzi lil kull Via Crucis imwaqqfa minn Franġiskan bl-awtorizzazzjoni ta' l-Isqof u mis-Superjur tal-knisja jew kunvent. [4]

Wara dan, il-Via Crucis xterdet ħafna. Twaqqfet f'numru kbir ta' knejjes u oratorji. Inkitbu ħafna kotba biex jinġabar frott spiritwali, fosthom jimmerita ħafna dak li kiteb San Leonardu minn Porto Maurizio. [5]

## IT-TWAQQIF TAL-VIA CRUCIS FIL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ

Sas-sena 1948 fost il-knejjes tar-Rabat li kollha kellhom "Via Crucis" barra dik ta' Santu Wistin li saret fil-1963 imħallsa mit-Terzjarju Agostinjan Carmelo Tabone (ta' Nisju) mir-Rabat, [6] il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ma kellhiex. In-nies kienet tinqeda bil-Via Crucis tal-knisja ta' San Ġużepp tas-Suq (maħtuta fl-1959) li kienet filjali tal-Parrocca Veneranda ta' San Ġorġ.

Kien bir-rieda ta' l-Arcipriet Mons. Mikiel Cefai Prel. Dom. (1944 - 1976) li saret "Via Crucis" preċiżament ħamsin sena ilu fil-1949.

Difatti fis-17 ta' April tal-1944 is-Sur Ġorġ Said "Ta' Ġwann" mir-Rabat li joqgħod fi Pjazza Reale (It-Tokk, illum Pjazza Indipendenza) f'numru 22, ta lill-Arcipriet Mons. Mikiel Cefai is-somma ta' £100 biex jordna l-Istazzjonijiet tal-Via Crucis. L-imsemmi Ġorġ Said, fit-30 ta' Novembru tal-1944 reġa' ta s-somma ta' £40 lil Mons. Arcipriet Mikiel Cefai għall-Via Crucis[7].

Fit-22 ta' Awissu tal-1945 l-imsemmi Ġorġ Said, għall-istess skop ħareġ is-somma ta' £20. Fis-6 ta' Marzu tal-1949 ulied Ġorġ Said wara li minn Ruma waslu l-istazzjonijiet, xogħol fl-irħam, taw £40 oħra għal din il-Via Crucis [8].

Fit-12 ta' Marzu tal-1949 Marija Grazzja Borġ "Ta' Ċmajra" mir-Rabat li kienet toqgħod No. 5 Triq l-Iskola għall-istess opra tal-Via Crucis ħarġet is-somma ta' £125. Fl-istess data tat-12 ta' Marzu 1949 Ġuzepp Vella "ta' Batu" ħareg LM 14 għas-slaleb tal-Via Crucis u Ġuzepp Camilleri ħareġ £ 5. [9]

Din il-Via Crucis artistika xogħol fl-irħam abjad kienet inħadmet Ruma mill-iskultur il-Profs. Carlo Pisi Ruman. Kien ħa ħsiebha l-Kom. Pawlu Pace. Kienet qamet is-somma ta' £450. Is-slaleb tal-bronż kien ħadimhom Francesco Abela u kienu qamu £14.[10]

## TWAQQIF U TBERIK TAL-VIA CRUCIS

Il-Ħadd 3 ta' April 1949 (Ħamsin Sena Ilu) li kien il-Ħadd tal-Passjoni, Mons. Isqof Guzeppi Pace (1944 - 1972) b'cerimonja solenni waqqaf kanonikament l-istazzjonijiet tal-Via Crucis fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria.11 L-ewwel priedka tal-Via Crucis kien għamilha ukoll Mons. Arcipriet Mikiel Cefai Prel. Dom.

Il-Via Crucis, xogħol l-iktar mirqum fl-irħam abjad tal-Profs. Carlo Pisi, kompliet tgħolli l-livell artistiku tat-tempju monumentali ta' San Ġorġ.

---


***RIFERENZI***

1. Abb. Vincenzo D'Avino Enciclopedia Dell' Ecclesiastico. (Terminata Dal P. Antonio Pellicani) 1879 Vol. IV p. 946.
2. Ibid. Op. Cit. p. 946.
3. Ibid. Op. Cit. p. 946.
4. Ibid. Op. Cit. p. 947.
5. Ibid. Op. Cit. p. 947.
6. Kan.Dun Nikola Vella apap. Grajjiet il-Kunvent u il-Knisja ta' L-Agostinjani Fir-Rabat ta' Ghawdex. P. 10.
7. (A)rkivju (B)azilika (S)an (G)org. Registru miktub mill-Arcipriet Mons.Mikiel Cefai. "La Via Crucis."
8. Ibid. Op. Cit.
9. Ibid. Op. Cit.
10. Ibid. Op. Cit.

*(Nota) Hajr lis-Sur Ivan Galea tar-ritratt tal-Via Crucis.*